# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgħa 6 ta' Marzu 2019

**Rikors Numru : 224/2018 JPG**

**Kawza Numru : 30**

**AV**

**vs**

**JAS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' AV, datat 29 ta' Awwissu 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni bejn il-kontendenti, nhar il-21 ta' Marzu 2011 twieled il-minuri KY u nhar id-9 ta' Mejju 2016 twieldet il-minuri KL (Dok A u B anness);*

2. *Illi r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat u effettivament ir-rikorrenti mill-ewwel ħadet ħsieb tipproċedi bi proċeduri appoziti biex tirregola l-kura u l-kustodja, l-access u l-manteniment tal-minuri;*

3. *Illi jirrizulta illi minn mindu sfaxxat ir-relazzjoni tal-partijiet, ghall-habta ta' Dicembru 2017 sal-lum, il-konvenut mhux biss ftit li xejn mantna lill-ulied minuri, izda ghazel li bilkemm jezercita access ghalihom u dan minkejja insistenza tal-esponenti li taf li l-ulied ghandhom bzonn liz-zewg genituri f'hajjithom;*

4. *Illi jinghad li l-partijiet ma setghu qatt jaslu ghall-kompromess, stante li l-konvenut ghazel li wara l-ewwel seduta ma jibqax jattendi ghas-seduti ta' medjazzjoni;*

5. *Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti, datat 7 t'Awwissu 2018;*

***Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:***

1. *Tafda l-kura u l-kustodja taz-zewg minuri KY u KL f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport, jittiehdu esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-intimat;*

2. *Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri u dan sakemm l-istess jghalqu t-tmintax-il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji taghhom fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri;*

3. *Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li hu ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;*

4. *Tillikwida l-ammont ta' kumpens li l-attur ghandu jhallas lill-esponenti fir-rigward tal-ispejjez ghat-trobbija tal-minuri rapprezentanti manteniment u spejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari minnu mhux imhallsa, minn Dicembru 2017;*

5. *Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri KY u KL, fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2018, JAS baqa' kontumaci (Vide fol 84);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat, huwa baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri. Jirrizulta wkoll illi ghalkemm inghata terminu sabiex jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu, huwa baqa' ma prezenta l-ebda sottomissjonijiet quddiem din il-Qorti.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> "*... **huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;"

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et** noe., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> "***Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.„***
> ***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;***"

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat;**

**Ir-rikorrenti** xehdet a fol 16 *et seqq* illi hija u l-intimata kien f'relazzjoni ghal ghaxar snin, u minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt' itfal, KY fil-21 ta' Marzu 2011 KL fil-5 ta' Mejju 2016. Qalet illi l-partijiet kienu ghamlu sentejn joqghodu flimkien fi proprjeta li kien tappartjeni lin-nanna tal-intimat. Spjegat illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet spiccat lejn il-bidu ta' Dicembru tal-2017, meta kienet skopriet illi l-intimat kellu relazzjoni ma' mara ohra, u hija u ulied il-partijiet marru joqghodu ghand ommha. Kompliet illi kienu bdew proceduri ta' medjazzjoni, izda l-intimat kien attenda biss seduta wahda.

Qalet li dak iz-zmien l-intimat kien jarahom ftit lit-tfal, fis-sens illi kien ghamel tlett gimghat jarahom darba fil-gimgha, imbaghad jaghmel xi gimghat ma jurix interess, imbaghad jerga jibda jarahom ftit ghal xi gimghatejn. Qalet ukoll illi l-ewwel darba li hallas manteniment ghat-tfal kien fl-Ghid tal-2017. Spjegat li l-partijiet kienu ftehmu fuq ammont, u cioe €400 fix-xahar, u €100 ohra fix-xahar sabiex jigi saldat bilanc dovut lilha ta' €1,000 rapprezentanti ghamara li kienet xtrat hi li baqghat fil-pussess tal-intimat. Xehdet illi pero kull ma hallas minn April sa Gunju, imbaghad ma hallas xejn iktar bhala manteniment ghat-

tfal. Xehdet ukoll illi apparti minn hekk, minn Gunju ma baqghax jara aktar lit-tfal. Qalet ukoll illi waqt il-proceduri ta' medjazzjoni kienet intavolat rikors ghall-manteniment, u skont id-digriet tal-Qorti l-intimat kellu jhallas is-somma ta' €350 fix-xahar bhala manteniment ghat-tfal, u nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, izda huwa qatt ma obda dan l-ordni. Mistoqsi jekk tafx ir-raguni ghalfejn m'huwiex qed jezercita access, xehdet illi ma tafx ghaliex meta ccempillu jew ma jirrispondix jew jghidilha li jkun sejjer jara t-tfal u qatt ma jmur. Qalet li sahansitra xi drabi anke marret thabbatlu d-dar, izda ma ssibux hemm. Xehdet li l-intimat kien jahdem bhala gwardjan lokali, izda ma tafx jekk ghadux jahdem, ghalkemm sa fejn taf hi qabad xoghol iehor ma' habib tieghu.

Spjegat illi KY gie *diagnosed* bl-ADHD u li hemm cans kbir li ghandu l-awtismu izda ghada ma haditux ghall-ezami peress ili dan jiswa bejn €400 - €600 jekk isir privat, u ghalhekk qed tistenna li tinghata appuntament mis-servizz mediku statali. Xehdet illi l-iskola ghandu *one to one* LSA. Qalet illi hija tiehdu ghal *play therapy,* u *occupational therapy,* u qed tipprova tiehdu Hand in Hand pero ma tahsibx li tiflah thallas ghal dan peress illi dan is-servizz jiswa xi €400 fis-sena. Qalet ukoll illi *sports* ma tibghatux ghaliex ma tistghax thallas. Ziedet illi intoltre hija tixtieq li tibghat lil KY ghal sessjonijiet privati ta' *occupational therapy,* peress illi dawk offruti mill-Gvern ikunu ma' numu ta' tfal ohra, u hafna affarijiet iridu jsiru d-dar. Spjegat illi ghal *play therapy* thallas €120 fix-xahar, u thallas ukoll €20 fix-xahar ghac-*childcare* ta' KL. Mistoqsija sabiex tispjega l-problemi li ghandu t-tifel, spjegat li l-minuri ghandu hafna rabja u *anger management issues,* u ghalhekk isawwat lit-tfal l-ohra, lill-ohtu u lil omm. L-iskola mhux kapaci joqoghod bil-qieghda ghal tul ta' zmien, m'huwiex kapaci jikkoncentra, u ghandu problema anke biex jissocjalizza.

Xehdet illi ma tahsibx li KL tiftakar lil missierha ghaliex ma ssemiehx, izda KY gieli jsemmieh. Xehdet illi l-intimat assolutament ma jiehux interess f'uliedhom.

Xehdet ukoll permezz t'**affidavit** a fol 141 *et seqq* illi hija tahdem bhala LSA u ghandha ntrojtu ta' bejn €990 u €1000 fix-xahar. Qalet illi hija tonfoq circa €864.36. Xehdet illi li kieku l-genituri taghha ma kienux lesti li jhalluha toqghod maghhom flimkien ma' ulieda, lanqas biss ghandha fejn toqghod peress illi l-intimat ma jhallasx manteniment u lanqas ma jaqsam l-ispejjez tat-tfal maghha. Ghalhekk hija lanqas ma tista' tibghat lit-tfal ghall-attivitajiet extrakurrikurali jew li tibghat lil KY ghal attivitajiet li gew rakkomandati minn professjonisti esperti, peress illi ma tifhlax thallas ghalihom.

**Saviour Theuma,** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, xehed a fol 26 *et seqq* illi l-intimat qatt ma rcieva xi beneficcju socjali, u esebixxa Dok ST1 (Fol 38) rigward il-beneficcji li tircieva r-rikorrenti.

**Damaris Spiteri** xehdet a fol 86 *et seqq* illi hija tahdem bhala *play therapist* u spjegat illi r-rikorrenti kienet ghamlet kuntatt maghha f'Awissu tal-2017, u kienet iltqghat mal-partijiet biex jiddiskutu dak li qed jinkwetahom fuq binhom KY. Xehdet li t-terapija kienet bdiet fi Frar 2018, u waqt it-terapija kienet rat illi t-tifel ghandu aktar sintomi ta' awtizmu milli ta' ADHD, izda hija ma tistghax taghmel *full assessment*. Kien ghalhekk li kienet issugeriet li t-tifel imur ghand xi hadd specjalizzat li jista' jaghmel dan. Qalet li hi ssugeriet lil attrici tiehu lil KY *Hand in Hand* ghaliex ghandhom program fejn janalizzaw l-imgieba tat-tfal u jahdmu b'mod dirett fuq il-problemi tal-imgieba u jghinu kemm lit-tifel u kif ukoll lill-genitur, u thoss illi din hija t-tip ta' ghajnuna li ghandu bzonn KY. Xehdet illi l-*play therapy* ma' KY spiccat, izda bhalissa qed tahdem mar-rikorrenti fuq *filial play skills* sabiex hija tkun tista' ttejjeb ir-relazzjoni taghha ma' KY u kif tagixxi mieghu meta jkollu imgieba difficli. Qalet ukoll illi meta jattendi t-tifel, kien ikun akkompjanat mir-rikorrenti, u xi darba kienet giet in-nanna materna.

**Martin Micallef** xehed a fol 90 *et seqq* illi huwa Managing Psychologist mad-Dipartiment tas-Sahha fic-Child Development Assessment Unit (CDAU). Xehed li l-dipartiment kien ra lil KY meta kellu hames snin u sitt xhur wara li kien gie riferut mill-konsulent taghhom D. Nadette Spiteri. Spjega li KY kien gie inizjalment referut minhabba diffikultajiet fl-imgieba tieghu u fl-attenzjoni tieghu specjalment l-iskola, u ghalhekk kienu ghamlulu diversi testijiet mill-liema rrizulta wkoll illi ghandu diffikultajiet relatati mal-awtizmu.

**Lara Vella** xehdet a fol 96 *et seqq* illi hija *psychology assistant* u kkonfermat ix-xhieda ta' Martin Micallef.

**Sonia Micallef** xehdet a fol 102 *et seqq* illi hija tigi omm ir-rikorrenti u li lejn Far 2017 ir-rikorrent kienet marret toqghod lura maghha flimkien ma' zewg uliedha minuri. Xehdet illi ghall-ewwel l-intimat kien beda jmur jara lit-tfal, pero ghal habta ta' Mejju tal-2018 waqaf addirittura li jara t-tfal. Xehdet illi xi drabi kien iwieghed lit-tfal li jkun sejjer, izda ma jmurx u dan kien jiddizapuntahom hafna, specjalment lil KY, tant illi ma bdewx jghidulhom meta kien jghid li ser jmur jarahom, sabiex it-tfal ma jkunux dizappuntati jekk ma jmurx.

Spjegat illi l-intimat hallas manteniment ghat-tfal xi tlett xhur biss, u cioe Marzu, April u Mejju 2018, u li ghalhekk ir-rikorrent qed issibha difficli hafna li tlahhaq mal-hajja, specjalment minhabba li hija ghandha introjtu baxx, u minhabba illi ghandha hafna spejjez konnessi mat-tifel.

**L-Ispettur Clayton Camilleri** xehed a fol 156 *et seqq* u spjega fir-rigward tar-rapporti CC1, CC3 u CC4 ezebiti minnu illi dawn jikkoncernaw manteniment ghat-tfal mhux imhallas mill-intimat.

**Ikkonsidrat;**

Illi din hija sentenza wara talba maghmula mir-rikorrent sabiex din il-Qorti takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri KY u KL, ahwa SV, ulied il-partijiet, tiffissa manteniment ghall-minuri, u tillikwda l-kumpens li l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti fir-rigward tal-ispejjez ghat-trobbija tal-minuri mhux imhallas minn Dicembru 2017.

Rigward il-kura u kustodja tal-minuri

Il-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza, l-kura u kustodja tat-tfal hija rregolata mill-principju tal-aqwa interess tat-tfal, u l-aqwa’ utilita u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Novembru 2003 intqal illi:

> ***“apparti l-ħsieb ta’ ordni morali u dak ta’ ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta’ kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti ‘in subjecta materia’, li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f’dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita’ u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u ‘de facto’ li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut...”***

Skont is-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-

23 ta' Frar 2018:[1]

> "***Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili10. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata.'***"

Jirrizulta illi l-partijiet kienu f'relazzjoni ghal circa ghaxar snin, mill-liema relazzjoni kellhom liz-zewg minuri, KY u KL, li llum il-gurnata ghandhom kwazi tmien snin, u tliet snin rispettivament. Din ir-relazzjoni sfaxxat, u r-rikorrent marret lura toqghod ma' ommha flimkien ma' ulied il-partijiet. Mill-provi prodotti jirrizulta l-intimat ma juri l-ebda interess fil-hajja ta' uliedu. Huwa ezercita access b'mod verament sporadiku ghall-bidu, u llum il-gurnata ilu kwazi sena ma jarahom. Jirizulta inoltre mill-provi prodotti mir-rikorrenti u mhux kontradetti, illi l-intimat ma jikkontribwixxi xejn lejn il-manteniment tat-tfal, u li r-rikorrenti sahansitra ssibha difficli sabiex tikkuntatjah peress illi ma jirrispondix it-telefon, u lanqas ma ssibu d-dar meta tmur thabbatlu l-bieb.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **F T K P D vs R K P G** deciza fit-22 ta' Marzu 2018, fejn f'cirkostanzi simili din il-Qorti diversament presjeduta kienet ikkonsidrat illi l-Artikoli 56 u 56A tal-Kodici Civili huma applikabbli u relevanti anke fil-kuntest ta' talba minn genitur sabiex jigi fdat esklusivvament bil-kura u kustodja ta' ulied minuri li ma ssirx f'separazzjoin, u kienet *ex officio* cahhdet lill-missier fil-awtorita ta' genitur sabiex din l-awtorita tkun ezercitata esklussivament mill-omm:

> "***Il-Qorti, wara li ezaminat ic-cirkostanzi partikolari kollha ta' dan il-kaz, b'mod partikolari li l-missier abbanduna lill-minuri b'mod assolut, tiddikjara li jezistu l-estremi sabiex iccahhad lill-missier mill-awtorita' ta' genitur sabiex tali awtorita' tigi ezercitata esklussivament mill-omm.***"[2]

[1] Rik. Gur. 39/17
[2] Rik. Gur. nru. 192/16 RGM.

Il-Qorti rat ukoll illi skont l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili:

> "***B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, il-Qorti tista', jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordijiet dwar il-persuna jew il-propjeta' ta' persuna li tkun taht l-eta' kif jidrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel.***"

Il-Qorti taghraf illi f'cirkostanzi normali, iz-zewg genituri ghandhom rwol importanti fil-hajja u fit-trobbija ta' uliedhom, u ghalhekk l-ebda wiehed mill-genituri m'ghandhu jigi eskluz mit-trobbija tal-ulied sakemm ma jkunx hemm ragunijiet serji li jwasslu lil Qorti li tiehu mizura daqshekk drastika. Izda kif inghad, f'din il-materja il-Qorti tigi gwidata mill-ahjar interessi tal-minuri, u ghalhekk il-Qorti ghandha tezamina jekk fic-cirkostanzi huwiex fl-ahjar interess tal-minuri illi xi hadd mill-genituri ghandu jigi zvestit mill-awtorita ta' genitur.

Il-Qorti rat illi intimat abbanduna ghal kollox lill-uliedu, tant illi lanqas imqar juri interess fil-proceduri gudizzjarji li ntavolat ir-rikorrenti kontra tieghu fir-rigward taghhom, apparti illi ma jarahomx, ma jistaqsix dwarhom, u lanqas ma jikkontribwixxi finanzjarjament ghat-trobbija taghhom, minkejja li diga hemm digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta li ffissa l-ammont ta' manteniment li ghandu jithallas mill-intimat pendenti lite. Dan l-abbandun minn naha tal-intimat ta' uliedu jpoggi lir-rikorrenti f'sitwazzjoni difficli f'dak li ghandu x'jaqsam mad-decizjonijiet illi talvolta jkun hemm bzonn li jittiehdu fir-rigward tat-tfal, peress illi l-intimat jaghmilha mpossibli ghaliha li taghmel kuntatt mieghu. Il-Qorti tqis li ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri li ommhom ikollha tirrikorri ghall-proceduri gudizzjarji f'kull sitwazzjoni fejn jista' jkun hemm bzonn il-firma ta' missierhom, bhal per ezempju xi vjagg skolastiku edukattiv, jew xi decizjonijiet fl-ambitu mediku, u dan specjalment ikkonsidrat il-bzonnijiet specjali ta' iben il-partijiet KY.

Il-Qorti ghalhekk hija konvinta illi jezistu l-estremi sabiex l-intimat jigi mcahhad mill-awtorita ta' genitur, sabiex din tigi ezercitata esklussivament mir-rikorrenti ommhom.

Dwar il-manteniment ghall-ulied il-partijiet

Il-Qorti taghraf illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> "***Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita` ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom.***"

Il-Qorti rat illi ma tressqet l-ebda prova dwar l-introjtu jew il-mezzi tal-intimat. Il-Qorti rat ukoll illi ghalkemm l-intimat kien irrizenja mill-impjieg tieghu bhala gwardjan, u ma rregistra l-ebda impjieg iehor, huwa m'huwiex qieghed jirregistra bhala dizokkupat. Ma jidhirx lanqas illi qieghed jircievi xi beneficcji socjali. Izda kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet AB vs CD deciza 22 ta' Frar 2018, minn din il-Qorti diversament preseduta:

> "***...il-Qorti dejjem irritjeniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita' tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabilita` tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat.***"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll f'dan il-kuntest ghas-sentenza fl-ismijiet **Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Frar 2015 fejn inghad, u gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar 2016 illi l-Qorti m'ghandhiex:

> "***tippremja lil min volontarjament u intenzjonalment jaghmel minn kollox sabiex icahhad lilu nnifsu minn dhul…li kapaci jiggenera.***"

Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti tahdem bhala LSA u ghandu introjtu medju ta' bejn €990 - €1,000. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Mejju 2015, liema ragunament kien gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016:

> “***Il-Qorti qieghda tikkunsidra wkoll rilevanti il-fatt illi l-omm ghandha l-kustodja tat-tifla peress li tirrisjedi maghha. Dan l-istat ta’ fatt min-natura tieghu jillimita l-potenzjal ta’ kemm l-omm tista’ ddum barra mid-dar sabiex tiggenera dhul.***”

Il-Qorti taghraf ukoll illi t-trobbija tal-ulied mill-genitur li mieghu jew maghha jirrisjedu diga giet rikonoxxuta mill-Qrati Maltin bhala kontribut versu l-manteniment dovut ghalihom skont il-ligi. Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta’ Jannar 2019:

> “***tenut kont tal-fatt li, t-tfal qed ikunu aktar mal-attrici milli mal-konvenut, l-oneru tat-trobbija waqa’ kwazi kollu fuqha u minn dan l-aspett hija qed taghti kontribut sostanzjali, inkluz dak mhux finanzjarju, ghall-manteniment taghhom.***”

Il-Qorti rat illi r-rikorrent qed trabbi liz-zewg ulied tal-partijiet kompletament waheda. Dan tant illi mhux talli l-intimat ma qed jaghmel l-ebda tip ta’ kontribut fit-trobbija ta’ dawn it-tfal u qed icahhadhom mill-presenza ta’ missier f’hajjithom, izda jaghmilha impossibli ghar-rikorrenti li jkollha kuntatt mieghu. Ghalhekk l-oneru tat-trobbija tat-tfal waqa’ kollu fuq spallejn ir-rikorrenti. Il-Qorti rat ukoll illi t-tifel tal-partijiet ghandu bzonn kura u attenzjoni specjali, ikkonsidrat il-kondizzjonijiet illi jbati bihom, tant illi r-rikorrenti anke attendiet sessjonijiet ma’ professjonista fil-materja sabiex tkun aktar kapaci tindirizza l-bzonnijiet specjali tieghu. Il-Qorti tqis ghalhekk illi r-rikorrenti tghabbiet bit-trobbija shiha ta’ ulieda li llimitat l-kapacita taghha li tiggenera introjtu akbar minn dak li ghandha fil-prezent. Il-Qorti tgharaf ukoll illi hija qed taghmel kontribut non-finanzjarju sostanzjali fil-manteniment tal-ulied, specjalment ikkonsidrat il-bzonnijiet specjali ta’ iben il-partijiet. Dan ghalhekk huwa fattur li fil-fehma tal-Qorti ghandu relevanza kbira fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-manteniment li ghandu jkun dovut mill-intimat.

Fl-affidavit taghha r-rikorrenti tat rendikont tal-ispejjez li hija tinkorri ghall-minuri. Skont dan ir-rendikont, l-ispiza mensili ghall-htigijiet tal-minuri hija fl-ammont ta’ €864.36. Il-Qorti rat illi dan l-ammont **jeskludi** spejjez ghall-abitazzjoni, peress illi r-rikorrenti tghix mal-genituri taghha flimkien ma’ ulied il-partijiet, u filfatt tghid fl-affidavit taghha illi kieku l-genituri taghha ma ppermetulhiex toqghod maghhom hija u t-tfal m’ghandhomx saqaf fuq

rashom.

Ikkonsidrat dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi l-manteniment dovut mill-intimat ghal minuri ghandu jkun fis-somma ta' €450 fix-xahar, oltre nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikurali. Ghalkemm il-Qorti taghraf illi fil-kazijiet fejn il-ġenituri li jkun qed jiehu hsieb it-trobbija tal-ulied ikollu diffikolta jikkomunika mal-genitur l-iehor, il-Qorti generalment takkorda ammont ta' manteniment li jinkludi dawn l-ispejjez tal-ahhar sabiex tnaqqas il-bzonn ghall-komunikazzjoni, il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz din is-soluzzjoni m'hijiex daqshekk desiderabbli. Dan peress illi kkonsidrat il-htigijiet specjali tal-ulied minuri tal-partijiet KY, huwa difficli li wiehed ibassar ezatt kemm jistghu ikunu dawn l-ispejjez minn zmien ghal zmien. Huwa zgur li l-minuri m'ghandhomx jigu mcahhda minn dak li ghandhom bzonn ghall-izvilupp taghhom ghaliex l-intimat iddecieda li jabbandunahom.

**Ikkonsidrat;**

Ir-rikorrenti qed titlob ukoll illi din il-Qorti tillikwida l-kumpens dovut mill-intimat fir-rigward tal-ispejjez ghat-trobbija tal-minuri rapprezentanti manteniment u spejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikurali mhux imhallsa minnu minn Dicembru 2017.

Il-Qorti rat illi skont id-digriet *pendenti lite* ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta, l-intimat kien gie ordnat ihallas is-somma ta' €350 fix-xahar bhala manteniment ghal minuri KY u KL u nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikurali, b'effett mis-6 ta' Marzu 2017. Il-Qorti rat illi mill-provi jirrizulta li l-intimat ma kienx qed jottempera ruhu ma' dan id-digriet, tant illi r-rikorrenti kellha anke taghmel rapport relattivi mal-pulizija.

Il-Qorti tqis illi l-manteniment ghax-xhur bejn Dicembru 2017 u t-28 t'Awissu 2018, u cioe d-data ta' meta gie ntavolat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti ghandu jigi kkalkolat kollu skont l-ammont li kien gie iffissat minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-digriet imsemmi. Illi ghalhekk, l-ammont dovut ghall-manteniment tal-minuri bejn l-ewwel (1) ta' Dicembru 2017 u t-tmienja u ghoxrin (28) t'Awissu 2018 huwa fl-ammont ta' €3,116.13.

Fir-rigward tal-ispejjex ghas-sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikurali pero, il-Qorti rat illi r-rikorrenti ma prezentatx bizzejjed provi rigward l-ispejjez li nkorriet. Illi ghalhekk

il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din il-parti tat-talba, sabiex ma tippregudikax id-dritt tar-rikorrenti li tipprocedi ulterjorment ghall-irkupru ta' sehem l-intimat minn dawn l-ispejjez.

Il-Qorti b'referenza ghall-kontumacja tal-intimat, taghraf illi ma jidhriliex li hemm eccezzjonijiet li hija awtorizzata espressament li tissolleva mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u lanqas ma hemm konsiderazzjonijiet ta' ordni pubblika li jistghu b'xi mod jagevolaw lill-intimat.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tafda l-kura u l-kustodja taz-zewg minuri KY SV u KL SV f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport, jittiehdu esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-intimat;**

2. **Tordna *ex officio* li r-rikorrenti tezercita wahedha u b'mod esklussiv l-awtorita' ta' genitur fuq uliedha minuri KY u KL.**

3. **Tilqa' t-tieni t-talba u tiffissa l-manteniment dovut mill-intimat ghall-minuri fis-somma ta' erbgha mija u hamsin ewro (€450) fix-xahar, oltre nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni, u attivitajiet extra kurrikurali, b'effett mid-29 t'Awissu 2018;**

4. **Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li hu ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;**

5. **Tilqa' limitatament ir-raba' talba, u dan billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dik il-parti tat-talba li tirrigwarda l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikurali, tillikwida l-kumpens dovut mir-rikorrenti ghall-manteniment tal-minuri mill-1 ta' Dicembru**

**2017 sat-28 ta' Awissu 2018 fis-somma ta' tlett elef, mija u sittax il-ewro u tlettax-il centezmu (€3116.13) bl-imghax dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv;**

6. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames talba, peress illi l-meritu gie sorvolat bl-affidament tal-awtorita ta' genitur esklussivament f'idejn ir-rikorrenti.**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**